

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/948**tal-1 ta' Marzu 2022****dwar l-approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għal Sberbank d.d.***(notifikata bid-dokument C(2022)1403)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Marzu 2022 fil-17:26 il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) ittrażmetta skema ta' riżoluzzjoni għal Sberbank d.d stabbilit fil-Kroazja lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 18(7) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.
- (2) Fl-iskema ta' riżoluzzjoni, l-SRB jiddikjara li l-kundizzjonijiet kollha għar-riżoluzzjoni stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 huma rispettati minn Sberbank d.d. u jevalwa għaliex hemm bżonn azzjoni ta' riżoluzzjoni fl-interess pubbliku.
- (3) L-iskema ta' riżoluzzjoni, skont l-Artikolu 18(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, tqiegħed lil Sberbank d.d. taħt riżoluzzjoni u tiddetermina l-applikazzjoni tal-bejgħ ta' għodda ta' negozju lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. L-iskema ta' riżoluzzjoni tipprovdi wkoll ir-raġunijiet li minħabba fihom dawk l-elementi huma adegwati.
- (4) Il-Kummissjoni taqbel mal-iskema ta' riżoluzzjoni. B'mod partikolari taqbel mar-raġunijiet mogħtiija mill-SRB li minħabba fihom hi neċessarja r-riżoluzzjoni fl-interess pubbliku skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014.
- (5) Jenħtieġ li l-iskema ta' riżoluzzjoni kif ippreżentata mill-SRB għaldaqstant tiġi approvata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-riżoluzzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għal Sberbank d.d hija approvata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Mairead MCGUINNESS
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali – it-30 ta' Lulju 2014 – L 225:pp1 sa 90: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32014R0806&from=EN>